

32003R0411

L 62/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

6.3.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 411/2003****tal-5 ta' Marzu 2003**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 805/1999 li jistabbilixxi ċerti miżuri għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 dwar il-politika tal-kapaċità tal-flotta Komunitarja biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni.**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 tad-29 ta' Marzu 1999 <sup>(1)</sup> dwar il-politika tal-kapaċità tal-flotta Komunitarja biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 718/1999 u wara li kkonstata l-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-livell Komunitarju, il-Kummissjoni ffissat il-proporzjonijiet tar-regola "qadim għall-ġdid" għall-bastimenti tat-tagħbija niexfa, il-bastimenti tankijiet u l-vetturi li jimbuttaw.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 805/1999 tas-16 ta' April 1999 <sup>(2)</sup> li jistabbilixxi ċerti miżuri sabiex jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 iffissa l-proporzjonijiet għar-regola "qadim għall-ġdid" biex japplikaw mid-29 ta' April 1999.
- (3) Dawn il-proporzjonijiet iridu jiġu mnaqqsa sabiex jinġiebu, malajr kemm jista' jkun u fi stadji regolari, għal żero mhux iktar tard mid-29 ta' April 2003 skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 718/1999.
- (4) Il-proporzjonijiet "qadim għall-ġdid" ġew imnaqqsa fis-snin 2000, 2001 u 2002 bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1532/2000 <sup>(3)</sup>, bir-Regolament tal-Kum-

missjoni (KE) Nru 997/2001 <sup>(4)</sup> u bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 336/2002 <sup>(5)</sup>.

- (5) Il-proporzjonijiet "qadim għall-ġdid" iridu issa jiġu ffixxati għal żero għall-bastimenti tat-tagħbija niexfa, il-bastimenti tankijiet u l-vetturi li jimbuttaw, b'effett mid-29 ta' April 2003, skond it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 718/1999.
- (6) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 805/1999 kif jixraq.
- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament kienu s-suġġett ta' konsultazzjoni ġewwa l-Grupp ta' l-Esperti dwar il-Kapaċità tal-Flotot Komunitarji u l-Politika tal-Promozzjoni stabbilita bl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 805/1999,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 805/1999 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 4(1), il-proporzjon "0,30:1" jiġi mibdul bi "0:1";
2. fl-Artikolu 4(2), il-proporzjon "0,45:1" jiġi mibdul bi "0:1";
3. fl-Artikolu 4(3), il-proporzjon "0,125:1" jiġi mibdul bi "0:1".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-5 ta' Marzu 2003.

Għall-Kummissjoni  
Loyola DE PALACIO  
Viċi-President

<sup>(1)</sup> ĠU L 90, tat-2.4.1999, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 102, tas-17.4.1999, p. 64.

<sup>(3)</sup> ĠU L 175, ta' l-14.7.2000, p. 74.

<sup>(4)</sup> ĠU L 142, tad-29.5.2001, p. 18.

<sup>(5)</sup> ĠU L 53, tat-23.2.2002, p. 11.